

L-Għoxrin Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

Ġer 38, 4-6. 8-10
Salm 39 (40), 2.3.4.18
Lhud 12, 1-4
Lq 12, 49-53

"Nar ġejt inqiegħed fuq l-art,
**u kemm nixtieq li diġà qabad!"**

Darba fost il-ħafna żgħażagħ li jidħlu mar-*Royal Air Force* kien hemm wieħed li kien ilu snin jaħdem biex ikun jista' jservi lil pajjiżu mal-RAF. Imma fl-ewwel lejl tiegħu fid-dormitorju mar-rekluti l-oħra kellu jagħmel deċiżjoni li għall-ewwel ħass tassew diffiċli. Kien ġej minn familja Kattolika li kienet tieħu l-fidi tagħha bis-serjetà u sa minn ċkunitu kien dejjem itemm il-ġurnata tiegħu billi jinżel għarkupptejh u jitlob. Imma issa ma kienx għadu d-dar. Issa kien imdawwar bi 30 żagħżugħ ieħor u ma kienx jaf x'se jaħsbu x'ħin jarawh jitlob għarkupptejh.

Dawk il-ftit minuti li għamel jaħseb dehru qishom eternità imma fl-aħħar qatagħha li jinżel jitlob. F'qalbu ħass li ma kellux jinbidel għax ma jafx x'se jgħidu fuqu l-oħrajn. Hekk kif spiċċa t-talba tiegħu nduna li kulħadd kien qed iħares lejh imma ħadd ma qal xejn u hekk jum wara l- l-ieħor, wara sigħat twal ta' taħriġ, kompla jinżel għarkupptejh jitlob qabel jidħol jorqod. Meta wasal l-aħħar jum tat-taħriġ wieħed mir-rekluti l-oħra mar fuqu u qallu li qatt ma kien iltaqa' ma' xi ħadd li jemmen daqsu. Tgħid jistgħu jgħidu dan il-kliem għalina?

Il-qari tal-lum jista' jinstema' stramb u iebes imma hawn Ġesù qed jgħidilna li biex nimxu t-triq it-tajba rridu nkunu lesti li ta' madwarna ma jaċċettawniex. Meta Ġesù qed jgħid li ġie biex iġib il-firda, Ġesù mhux jgħidilna li jieħu gost jarana mifrudin jew inkella li jogħġbu l-ġlied imma qed jgħidilna li biex nagħmlu t-tajjeb irridu nkunu lesti li ninqatgħu minn dawk li jridu jagħmlu l-ħażin. Ma nistax naħseb li jien tajjeb u qalbi tajba jekk il-klikka li nkun magħha tkun magħrufa għall-inkwiet u l-ġlied!

Ġesù qed jgħidilna li biex nimxu warajh irridu nkunu lesti li ninqatgħu minn dak kollu li jfixkilna. Qed jgħidilna li rridu nkunu lesti li nibqgħu mexjin warajh anke jekk sħabna ma jieħdux gost bina jew jibdew jgħadduna biż-żmien.

Mhux ħaġa faċli hux! Imma anqas ma hi impossibbli. Il-qaddisin jgħallmuna li jekk inħallu lil Ġesù jidħol f'ħajjitna jkollna mhux biss il-kuraġġ biex nibqgħu mexjin fit-triq it-tajba, imma wkoll se niltaqgħu ma' nies oħra li bħalna lesti li jsofru din il-firda. U min jaf, forsi jkun hemm min jaqbad it-triq it-tajba grazzi għall-eżempju tagħna wkoll.

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.
NAR, ART, MAGĦMUDIJA, PAĊI, FIRDA, DINJA, MISSIER, IBEN, BINT, OMM

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | L | I | N | M | P | A | S | B | U |
| A | N | R | B | I | M | IE | Ġ | A | V |
| N | H | A | R | S | A | T | I | N | A |
| F | A | N | W | S | GĦ | Ħ | V | L | D |
| L | I | N | H | IE | M | Z | A | O | I |
| A | F | I | N | R | U | A | E | M | N |
| D | I | B | E | N | D | N | IE | M | J |
| N | R | I | B | N | I | A | R | T | A |
| A | D | N | I | A | J | R | GĦ | B | N |
| G | A | T | S | P | A | Ċ | I | L | O |





## Il-Festa ta' Santa Marija



Fost il-ħafna festi li niċċelebraw matul ix-xhur tas-Sajf fil-gżejjer tagħna, waħda mill-ikbar hija żgur dik ta' Santa Marija. Din il-festa, li tiġi fl-eqqel tas-Sajf, hija ċċelebrata bil-kbir fi tnax -il parroċċa jew knisja differenti fil-gżejjer tagħna u għandha għeruq antiki ħafna. F'Malta nsibu l-Mosta, il-Qrendi, l-Imqabba, Ħal Għaxaq, Ħ'Attard, il-Gudja, Birkirkara (l-Knisja l-Qadima), Ħad-Dingli u l-Imġarr filwaqt li f'Għawdex din il-festa hi ċċelebrata fil-Katidral ir-Rabat, fiż-Żebbuġ, kif ukoll f'Kemmuna . Din il-festa mmarkat ukoll l-istorja ta' pajjiżna. Is-sena kienet 1942 u Malta kienet waslet fix-xifer ta' dak li tiflaħ. L-attakki ma kinux qed jaqtgħu u barra l-ħsara kbira li kienet qed issir fuq l-art, l-agħar kienu l-attakki fuq il-bastimenti li kienu ġejjin lejn artna. Dan għaliex dawn il-bastimenti kienu qed iġorru munizzjon u għadd kbir ta' ikel li l-Maltin tant kellhom bżonn. Il-provvisti kienu spiċċaw u n-nies kienu qed ibatu ġuħ kbir. Sakemm fil-15 ta' Awwissu, mill-bokka tal-port xirfu xi vapuri li kienu parti minn konvoj li telaq minn Ġibiltà. Minn dakinhar il-konvoj baqa' magħruf bħala dak ta' Santa Marija għax tassew li fil-mument tal-bżonn hi kienet daħlet għal Maltin.





**Promozzjoni**

# Issa tista' tirreklama
## fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100



**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME



mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**





**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION